MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 25/2008

Avviz Numru 25/2008

Peter Paul Zerafa

vs

Mario Said

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Peress illi l-konvenut huwa debitur versu l-attur fis-somma ta’ elf tliet mija u sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u erbghin centesimi (€1327.42) dovuti lill-attur kwantu ghal mitejn Euro (€200) somma mislufa, u elf mija u sebgha u ghoxrin Euro u tnejn u erbghin centesimi (€1027.42) bilanc ta’ prezz ta’ zewg vettturi mibjugha.

Jghid ghalhekk il-konvenut, il-ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur din is-somma ta' €1327.42, bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-10 Lulju 2008.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 Lulju 2008, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.'

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-20 ta' Awwissu 2008, la deher u lanqas baqa' ma pprezentat r-risposta.

Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008, sama' lill-attur li kkonferma bil-gurament li hu (i) kien hallas fl-interess tal-konvenut is-somma ta' disghin Euro (€90) li Mario Said kellu jaghti tal-kera ghal kiri ta' flat fi Triq Ix-Xaghra, Marsalforn ; (ii) kien hallas ukoll fl-interess tal-konvenut is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Euro u disa' u sebghin centesimi (€122.79) lil petshop maghruf bhala ta' 'Maymuna's Garden Centre', fix- Xewkija ghal xiri ta' mghalef ghaz-ziemel tieghu u xi oggetti ohra ; (iii) kien biegh zewg vetturi qodma lill-konvenut ghall-prezz ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750), li wahda minnhom l-attur kien hadha lura u minn dan l-ammont tal-prezz kien naqqas tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha limitament pero' ghas-somma ta' elf mitejn u wiehed u sittin Euro (€1,261) wara li t-Tribunal qies li mid-depozizzjoni tal-istess attur li ghaliha saret riferenza hawn fuq, l-ammont ta' flus li huwa ta rendikont taghhom li ghandu jigbor minghand il-konvenut huma ta' €90, €122.79, u €1048.21, li komplessivament jammontaw ghal €1261 u mhux ghal €1,327.42.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, limitatament ghas-somma ta' elf mitejn u wiehed u sittin Euro (€1,261), u jikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur bl-imghax legali b'effett mid-data ta' din id-decizjoni, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra ufficjali msemmija, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------